Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2157(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2157(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (iċ-"Ċentru") għas-sena finanzjarja 2022 bħala legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jinnota li, skont ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena 2022, il-baġit tiegħu fl-2022 ammonta għal EUR 26 miljun, li jirrappreżenta żieda ta' 4 % meta mqabbel mal-2021 (EUR 25 miljun), filwaqt li n-numru tal-persunal tiegħu baqa' l-istess skont id-deċiżjoni tal-Awtorità Baġitarja rilevanti;

2. Jilqa' l-fatt li ttieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa biex tiġi indirizzata l-osservazzjoni tas-snin preċedenti tal-Qorti; jilqa' l-pubblikazzjoni emblematika ta' kull sena, ir-Rapport Ewropew dwar id-Drogi 2022, il-Bullettin Statistiku 2022 u l-valur miżjud tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE dwar sustanzi psikoattivi ġodda li fl-2022 għalqet 25 sena taħt l-amministrazzjoni taċ-Ċentru; jilqa' l-ħruġ ta' 69 pubblikazzjoni, li jinkludu seba' gwidi żgħar u tliet sezzjonijiet enfasizzati fil-qafas tar-rapport emblematiku taċ-Ċentru "Health and Social Responses to Drug Problems: A European Guide" (Rispons Soċjali u tas-Saħħa għall-Problemi tad-Droga: Gwida Ewropea); jilqa' l-organizzazzjoni tar-raba' Konferenza Ewropea dwar l-Imġiba ta' Dipendenza u d-Dipendenzi organizzata b'mod konġunt miċ-Ċentru u s-sħab tiegħu; iħeġġeġ liċ-Ċentru jkompli l-attivitajiet tiegħu ta' kondiviżjoni tal-għarfien;

3. Jilqa' l-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tad-drogi bil-parteċipazzjoni ta' 609 professjonist tal-infurzar tal-liġi mill-UE u sħab tal-proġett ta' kooperazzjoni teknika mwettqa miċ-Ċentru f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL); jilqa' l-fatt li kważi 950 professjonist li jaħdmu fil-qasam tad-drogi, inklużi uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u dawk li jfasslu l-politika, irċevew taħriġ fiċ-Ċentru matul l-2022, filwaqt li madwar 1 200 professjonist li jaħdmu fil-qasam tad-drogi ppartecipaw għas-seba' webinars organizzati miċ-Ċentru; jenfasizza r-rwol importanti taċ-Ċentru biex jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika u lill-prattikanti b'analiżi u informazzjoni bbażati fuq is-saħħa pubblika fir-rigward tad-drogi u d-dipendenza fuq id-droga;

4. Jilqa' l-isforzi bla heda taċ-Ċentru biex jenfasizza l-aspetti soċjali tad-drogi u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà, jippromovi politiki ta' riintegrazzjoni soċjali għal dawk li jużaw id-droga, u jindirizza s-suġġett tad-drogi b'approċċ multidixxiplinari; iqis li huwa essenzjali li titkompla s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-prevenzjoni u ta' approċċ innovattiv ibbażat fuq is-saħħa mentali għall-politiki dwar id-drogi;

5. Ifakkar li l-ħidma taċ-Ċentru hija bbażata fuq kapaċità strateġika ta' valutazzjoni tat-theddid għas-saħħa u s-sigurtà bbażata fuq l-evidenza biex jiġu identifikati fi stadju bikri żviluppi ġodda tal-fenomenu tad-drogi li għandhom il-potenzjal li jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa, il-kwistjonijiet soċjali, is-sikurezza jew is-sigurtà fl-Unjoni; ifakkar li l-valutazzjoni tat-trattament tas-saħħa għandha tkun riflessa bl-istess mod fil-

ħidma taċ-Ċentru;

6. Jilqa' l-progress li sar miċ-Ċentru fl-ambitu ta' analiżi fil-fond konġunta dwar is-Swieq tad-Droga fl-UE, f'kollaborazzjoni mal-Europol, b'moduli dwar drogi speċifiċi pubblikati matul l-2022 u b'oħrajn previsti fl-2023; jilqa' l-ħidma fl-2022 dwar it-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà tad-data ewlenija dwar il-provvista, f'kollaborazzjoni mal-Punti ta' Fokus Nazzjonali Reitox u l-Europol; jilqa' l-implimentazzjoni tal-kompiti kollha taċ-Ċentru fl-ambitu tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Kontra t-Theddid Kriminali għal dak li jirrigwarda l-kannabis, il-kokaina u l-eroina; ifakkar li t-traffikar tad-droga ġie identifikat bħala sors ewlieni ta' profitt u mezz ta' reklutaġġ għall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u jissottolinja l-kontribut taċ-Ċentru għal Ewropa aktar sikura;

7. Jilqa' l-paġna tar-riżorsi, EMCDDA 4 Ukraine, maħluqa għall-professjonisti li jaħdmu fil-qasam tad-drogi fl-Ewropa u li jappoġġjaw lill-persuni spostati mill-Ukrajna;

8. Jilqa' l-kooperazzjoni li għaddejja bejn iċ-Ċentru u l-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-livell reġjonali, permezz tal-proġett ta' assistenza teknika EU4MD, kif ukoll l-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa tal-proġett bilaterali EMCDDA4GE mal-Georgia; jilqa' l-istabbiliment ta' sħubija uffiċjali fil-Programm ta' Kooperazzjoni bejn l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Unjoni Ewropea dwar il-Politiki dwar id-Drogi;

9. Jilqa' l-kooperazzjoni taċ-Ċentru ma' aġenziji oħra u l-kontribut tiegħu għan-network tal-aġenziji tal-ĠAI; jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa taċ-Ċentru mal-aġenziji nazzjonali tad-drogi, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNODC u d-WHO;

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 –: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

52	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

1	-
NI	Milan Uhrík

3	0
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni